MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 415/2013

**Kevin Mahoney K.I. 67964(M) f'ismu proprju u eżerċenti l-professjoni ta' accountant u awditur tad-ditta Mahoney & Co.**

**vs.**

**Massive Group Limited C- 54042**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand is-soċjeta′ konvenuta tas-somma ta' elf, tmien mija u wieħed u ħamsin Ewro u sittin ċenteżmu (€1851.60), rappreżentanti drittijiet lir-rikorrent fil-kapaċita′ tiegħu premessa, għal servizzi reżi mir-rikorrent fil-kapaċita′ tiegħu premessa lis-soċjeta′ intimata,

liema servizzi kienu konsistenti f'xogħolijiet ta' kontabilita' liema xogħol u servizzi ġew fatturati permezz tal-fatturi annessi mal-Avviż tat-Talba;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li s-soċjeta` konvenuta naqser li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur is- somma ta' elf, tmien mija u wieħed u ħamsin Ewro  u sittin ċenteżmu (€1851.60), bl-imgħax legali dekorribbli mis-16 ta' Lulju 2013 li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------